C/2025/5747

28.10.2025

Pubblikazzjoni ta' talba għall-kanċellazzjoni skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 [1] **flimkien mal-Artikolu 25(4) ta' dak ir-Regolament**

(C/2025/5747)

Fi żmien 3 xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni, l-awtoritajiet ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz, jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u tkun stabbilita jew residenti f'pajjiż terz, tista' tippreżenta oppożizzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

TALBA GĦALL-KANĊELLAZZJONI TA' INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA

(Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"del Vastese / Histonium"

PGI-IT-A0893 - KANĊELLAZZJONI – 23.5.2025

1. **Isem irreġistrat propost għall-kanċellazzjoni**

   "del Vastese / Histonium"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

   DOP ☐ IĠP ☒ IĠ ☐

3. **Settur**

   ☐ prodotti agrikoli

   ☐ xarbiet spirituż

   ☒ inbejjed

4. **L-isem tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz, li minnu toriġina l-indikazzjoni ġeografika**

   L-ITALJA

5. **L-isem tal-awtorità tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz li tissottometti t-talba għall-kanċellazzjoni lill-Kummissjoni jew l-indikazzjoni li t-talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni hija sottomessa direttament lill-Kummissjoni mill-produtturi ta' pajjiż terz tal-prodott ikkummerċjalizzat skont l-isem reġistrat u l-isem tal-aġent b'mandat mill-produtturi biex jibgħat it-talba (l-obbligu li jingħata mandat lil aġent ma japplikax fil-każ ta' produttur uniku)**

   L-ITALJA – IL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SOVRANITÀ TAL-IKEL U L-FORESTRIJA

6. **F'każ ta' talba minn Stat Membru, indika jekk it-talba għall-kanċellazzjoni fl-istadju nazzjonali tal-proċedura saritx mill-produtturi tal-prodott ikkummerċjalizzat skont l-isem reġistrat jew mill-grupp ta' produtturi rikonoxxut ta' dak il-prodott. F'dan il-każ daħħal l-isem tal-grupp ta' produtturi rikonoxxut**

   ☐ Talba magħmula mill-produtturi

   ☒ Talba magħmula mill-grupp ta' produtturi rikonoxxut:

   Consorzio Tutela Vini d'Abruzzo
   Corso Matteotti – Palazzo Corvo
   66026 Ortona (Chieti) – l-Italja

[1] ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj.

7. **Klassifikazzjoni tal-prodott f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

22 – XARBIET, SPIRTI U ĦALL

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009:

8. **Tip ta' kanċellazzjoni**

It-talba għall-kanċellazzjoni ssir f'konformità mal-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

It-talba għall-kanċellazzjoni ffirmata u datata